**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. ABIGAIL CRITIEN**

**B.A., Trib. Eccl. Melit., LL.M. (Family Law) (Lond), LL.D.**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Dan Jean Baptiste Latchimy**

**Kumpilazzjoni Nru. 257/2025 AC**

**Illum, id-9 ta' April 2025**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet fil-konfront ta' **Dan Jean Baptiste Latchimy** ta' tnejn u għoxrin sena (22) sena, imwieled Nimes, Franza, fid-dsatax (19) ta' Awwissu tas-sena elfejn u tlieta (2003), iben Johnny u Coralie nee' Galant, jirrisjedi ġewwa Room 575, St. George's Park, Triq Dragunara, San Ġiljan, detentur tal-passaport bin-numru tal-passaport Franċiż 21AC78886, li f'isem ir-Repubblika ta' Malta kien akkużat talli nhar is-sittax (16) ta' Marzu

tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025) għal ħabta ta' bejn il-ħamsa (5:00) ta' filgħodu u t-tmienja (8:00) ta' filgħodu, ġewwa St. George's Bay, San Ġiljan u/jew fi bnadi oħra tal-Gżejjer Maltin talli:

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor, u ċioe ta' **Arijus Lukas Lupeikis**, f'periklu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u ċioè offiża ta' natura gravi fuq il-persuna ta' **Arijus Lukas Lupeikis**;

2. Talli fl-istess ħin, ċirkostanzi, lok u żmien ikkommettejt serq ta' oġġetti u/jew flus, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza u dan għad-dannu ta' **Arijus Lukas Lupeikis** u/jew **Saliou Blade** u/jew persuni oħra;

3. Talli fl-istess data, ħin, ċirkostanzi u lok, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat;

4. Talli fl-istess data, ħin, ċirkostanzi u lok volontarjament ħassart, għamilt ħsara jew għarraqt ħwejjeġ mobbli jew immobbli, liema ammont ta' ħsara ma tiskorrix aktar minn mitejn u ħamsin euro (€250) għad-detriment ta' **Arijus Lukas Lupeikis** u/jew persuni u/jew entitajiet oħra;

5. Talli fl-istess data, ħin, ċirkostanzi u lok meta sibt ħwejjeġ li kienu naqsu lil xi persuna jew li kienet tilfet, inti nqast mill- tgħarraf, fi żmien tlett ijiem, lill-Pulizija Eżekuttiva;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex, fil-każ ta' ħtija, barra milli tinfliġġi l-piena skont il-Liġi, meta tagħti s-sentenza jew f'kull ordni ieħor wara, tikkundanna l-ħati għall-ħlas, lir-reġistratur, tal-ispejjeż kollha jew ta' parti mill-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri, f'dak iż-żmien u f'dak l-ammont bħal ma jkun ġie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni, u dan skond kif kontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta` Malta;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex, fil-każ ta' ħtija għar-reati kollha jew uħud minnhom,

minbarra li tinfliġġi l-piena skont il-liġi, tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u/jew ta' kull artikolu ieħor tal-liġi li jista' jiżgura kumpens u/jew restituzzjoni;

Il-Qorti hija ukoll mitluba *pendente lite* tħaddem l-Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għall-benefiċċju tal-vittmi, u kemm-il darba tinstab ħtija fl-imputat, u tħaddem l-Artikoli 382A, 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li l-imputat tressaq b'arrest quddiem din il-Qorti bħala l-Qorti tal-Għassa nhar l-24 ta' Marzu 2025, u l-Uffiċjali Prosekuturi l-Avukat Dr. Martina Calleja għall-Avukat Ġenerali u l-Ispettur Darryl Farr għall-Kummissarju tal-Pulizija qraw u kkonfermaw l-imputazzjonijiet fil-konfront tal-imputat bil-ġurament[1];

Rat illi fl-istess seduta[2] il-Prosekuzzjoni infurmat lil din il-Qorti li l-imputat ma jifhimx bl-ilsien Malti iżda jifhem bl-ilsien Franċiż, u li din il-Qorti appuntat lil Dounia Borg bħala interpretu mill-lingwa Maltija għal dik Franċiża u viċe versa u ingħatat il-ġurament f'dan is-sens;

Rat li meta sar l-eżami tal-imputat mingħajr ġurament *ai termini* tal-Artikolu 390(1) u l-Artikolu 392 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta[3], wieġeb li huwa ħati għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu;

Rat li din il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tiegħu, u wara li tagħtu żmien xieraq sabiex jikkonsulta mal-Avukat tal-fiduċja tiegħu u jekk irid, jerġa' lura minn tali ammissjoni, l-imputat għal darb' oħra kkonferma l-ammissjoni tiegħu;

Rat li din il-Qorti osservat id-dettami tal-Artikolu 392A(1) u l-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u fid-dawl tal-ammissjoni libera u inkondizzjonata tiegħu, u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li kkonsulta mal-Avukat tal-fiduċja tiegħu, kien biss f'dan l-istadju li din il-Qorti ħadet konjizzjoni tal-ammissjoni tiegħu;

Rat id-Digriet tagħha tat-8 t'April 2025;

---

[1] Ara l-verbal tal-istess seduta a fol 3 *et seq* tal-proċess u a fol 6 *et seq* tal-proċess
[2] Ara l-verbal tal-istess seduta a fol 3 *et seq* tal-proċess
[3] Ara a fol 8 tal-proċess

Għalhekk, wara li din il-Qorti rat l-Artikolu 392A(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tiddikjara li ma hemmx raġuni tajba sabiex tiddubita li l-imputat huwa ħati minkejja li huwa ddikjara l-ammissjoni tiegħu, u tqis li l-imputazzjonijiet sopraċitati kienu sodisfaċentement ipprovati;

Rat id-dokumenti esebiti fl-atti proċesswali, senjatament is-segwenti:

1. Dikjarazzjoni ta' Rifjut tal-imputat għad-dritt għall-Assistenza Legali waqt l-interrogatorju datata t-23 ta' Marzu 2025[4];

2. Ċertifikat mediku maħruġ a favur il-*Parte Civile* **Arijus Lukas Lupeikis** datat is-16 ta' Marzu 2025 mit-tabib Dr. Clyde Baldacchino[5];

3. Il-Fedina Penali tal-imputat hekk kif aġġornata fit-23 ta' Marzu 2025[6];

4. Kopja tal-Passaport tal-imputat[7];

5. Rapport tal-NPS bir-referenza 8/POL/1706/2025[8];

6. CD kontenenti l-Istqarrija awdjo-viżiva tal-imputat[9];

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet fuq il-piena fis-seduta tal-24 ta' Marzu 2025;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat li din il-kawża kienet differita għal-lum għas-sentenza;

<u>**Ikkunsidrat:**</u>

L-imputat f'isem ir-Repubblika ta' Malta kien mixli talli nhar is-sittax (16) ta' Marzu tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025) għal ħabta ta' bejn il-ħamsa (5:00) ta' filgħodu u t-

[4] Ara Dok DF1 a fol 9 tal-proċess
[5] Ara Dok DF2 a fol 10 tal-proċess
[6] Ara Dok DF3 a fol 11 tal-proċess
[7] Ara Dok DF4 a fol 12 tal-proċess
[8] Ara Dok DF5 a fol 13 *et seq* tal-proċess
[9] Ara Dok DF6 a fol 20 tal-proċess

tmienja (8:00) ta' filgħodu, ġewwa St. George's Bay, San Ġiljan u/jew fi bnadi oħra tal-Gżejjer Maltin talli:

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor, u ċioe ta' Arijus Lukas Lupeikis, f'periklu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u ċioè offiża ta' natura gravi fuq il-persuna ta' **Arijus Lukas Lupeikis**;

2. Talli fl-istess ħin, ċirkostanzi, lok u żmien ikkommettejt serq ta' oġġetti u/jew flus, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza u dan għad-dannu ta' **Arijus Lukas Lupeikis** u/jew **Saliou Blade** u/jew persuni oħra;

3. Talli fl-istess data, ħin, ċirkostanzi u lok, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat;

4. Talli fl-istess data, ħin, ċirkostanzi u lok volontarjament ħassart, għamilt ħsara jew għarraqt ħwejjeġ mobbli jew immobbli, liema ammont ta' ħsara ma tiskorrix aktar minn mitejn u ħamsin euro (€250) għad-detriment ta' **Arijus Lukas Lupeikis** u/jew persuni u/jew entitajiet oħra;

5. Talli fl-istess data, ħin, ċirkostanzi u lok meta sibt ħwejjeġ li kienu naqsu lil xi persuna jew li kienet tilfet, inti nqast mill- tgħarraf, fi żmien tlett ijiem, lill-Pulizija Eżekuttiva;

Li minn kif intqal aktar 'il fuq, l-imputat irreġistra l-ammissjoni tiegħu għal dawn l-imputazzjonijiet, u wara li din il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tiegħu, u wara li tagħtu żmien xieraq sabiex jikkonsulta mal-Avukat tal-fiduċja tiegħu u jekk irid, jerġa' lura minn tali ammissjoni, l-imputat għal darb' oħra kkonferma l-ammissjoni tiegħu;

Hu minnu li wara dan kollu l-imputat intavola rikors sabiex jirtira tali ammissjoni (fost talbiet oħrajn) iżda għar-raġunijiet spjegati f'Digriet ta' Din il-Qorti datat it-8 t'April 2025, l-istess talbiet ġew miċħuda u ġie dikjarat li l-kawża se tibqa' differita għal-lum stess għas-sentenza kif pjanat;

Fil-kalibrar tal-piena li għandha tkun erogata, din il-Qorti ħadet is-segwenti fatturi in konsiderazzjoni:

1. Li l-imputat irreġistra l-ammissjoni tiegħu fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proċeduri, li għalhekk jirrikwadra ruħu f'dak argumentat mill-Qrati tagħna u dawk internazzjonali dwar tnaqqis fil-piena għal ammissjonijiet li jsiru fi stadju bikri tal-proċeduri[10], li jfisser li l-Qorti tkun frankat il-ħin, ir-riżorsi u l-ispejjeż neċessarji sabiex tindaga dwar il-mertu tal-imputazzjonijiet odjerni, u l-amministazzjoni tal-ġustizzja. Fil-każ odjern, jirriżulta li l-imputat irreġistra l-ammissjoni tiegħu fl-istadju tal-preżentata;

2. In-natura tal-imputazzjonijiet addebitati lill-imputat, u ċioe' serq aggravat bil-valur u bil-vjolenza, b'offiża volontarja fuq il-persuna ta' **Arijus Lukas Lupeikis**, ir-riċettazzjoni, ħsara volontarja għad-detriment tal-istess **Arijus Lukas Lupeikis**, kif ukoll il-kontravenzjoni li naqas milli jinforma lill-Pulizija fi żmien tlett ijiem li sab ħwejjeġ li kienu naqsu jew li kienet tilfet persuna oħra;

3. Dak dikjarat mill-partijiet fis-seduta tat-12 ta' Marzu 2025, li fiha l-Prosekuzzjoni ddikjarat li filwaqt li l-piena għandha tkun waħda ta' priġunerija effettiva din għandha tkun lejn il-minimu minħabba l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-koperazzjoni sħiħa tiegħu mal-Pulizija matul l-investigazzjoni, kif ukoll il-Fedina Penali netta tal-imputat, liema ħsieb kien korroborata mid-Difiża;

4. Dak dikjarat mill-Prosekuzzjoni waqt l-istess seduta illi waqt it-tfittxija li saret mill-Pulizija fit-23 ta' Marzu 2025 fil-kamra li jirrisjedi fiha l-imputat, instab l-arloġġ li nsteraq lill-vittma, u li dan kien ser ikun ritornat lill-vittma u għalhekk ma kienx ser ikun esebit fl-atti.

---

[10] Ara f'dan is-sens **Ir-Repubblika ta' Malta v. Nicholas Azzopardi**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-24 ta' Frar 1997; **Il-Pulizija v. Emmanuel Testa**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-17 ta' Lulju 2002, kif ukoll Appell Nru. 414/2023 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Rosita Zammit**, deċiż mill-Onor. Imħallef Dr. Consuelo Scerri Herrera nhar it-13 ta' Settembru 2024; Att t'Akkuża Nru. 3/2018/2 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rosario Militello**, deċiża fis-26 ta' Ġunju 2024 mill-Qorti Kriminali presjeduta mill-Onor. Imħallef Dr. Consuelo Scerri Herrera; Kawża Nru. 20/2023 fl-ismijiet **The Police v. Mohamed Salim Saaou El Kaddouri**, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali presjeduta mill-Maġistrat Dr. Elaine Rizzo nhar is-06 ta' Mejju 2024

**<u>Decide:</u>**

Il-Qorti wara li rat l-Artikolu 17(d), l-Artikolu 31(1)(b), l-Artikolu 214, l-Artikolu 215, l-Artikolu 216(1)(b), l-Artikolu 261(a), l-Artikolu 262(1)(a), l-Artikolu 262(2), l-Artikolu 274(b), l-Artikolu 325(1)(ċ), l-Artikolu 334(a) u l-Artikolu 340(ċ) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, **<u>qiegħda, fuq ammissjoni libera u inkondizzjonata tiegħu, issib lill-imputat Dan Jean Baptiste Latchimy ħati tal-imputazzjonijiet kollha kif dedotti fil-konfront tiegħu, u tikkundannah għall-piena ta' tliet (3) snin priġunerija effettiva;</u>**

*In oltre* din il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 382A(1) u l-Artikolu 382A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda tordna l-ħruġ ta' Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-ħati **Dan Jean Baptiste Latchimy** favur il-*Parte Civile* **Arijus Lukas Lupeikis u Saliou Blade <u>għal żmien sentejn (2) mid-data ta' din is-sentenza</u>**, liema Ordni għandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza;

Din il-Qorti, wara li rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija, tħaddem kontra l-imputat il-provvedimenti tal-Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u/jew kwalunkwe Artikolu ieħor tal-Liġi sabiex tiżgura kumpens u/jew restituzzjoni tad-danni sofferti, din il-Qorti qiegħda tiddikjara li m'hijiex f'pożizzjoni sabiex tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' din it-talba *stante* li l-ammont ta' danni sofferti mill-partijiet leżi ma kienx kwantifikat;

Din il-Qorti, wara li rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija, tħaddem kontra l-ħati **Dan Jean Baptiste Latchimy** l-provvedimenti tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda tiddikjara li m'hijiex f'pożizzjoni sabiex tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' din it-talba *stante* li ma kien inkarigat l-ebda espert fil-perkors ta' dawn il-proċeduri;

Il-Qorti tordna li a tenur tal-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kopja skenjata tal-atti proċesswali flimkien ma' din is-sentenza u d-digrieti relattivi għall-istess tkun ikkomunikata lill-Avukat Ġenerali, u dan fiż-żmien stipulat fil-Liġi.

**MAĠISTRAT DR. ABIGAIL CRITIEN**

**B.A., Trib. Eccl. Melit., LL.M. (Family Law) (Lond), LL.D.**